MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1232/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Micallef & Zammit Ltd. sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota ta' l-24 ta' April, 2003, is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha tal-kawza bhala attur minflok is-socjeta` GasanMamo insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc.**

**vs**

**Denise Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm153.00) rappresentanti danni kagunati**

**f'incident awtomobilistiku tad-29 ta' Novembru, 2000, fi Triq Xintill, Tarxien, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAJ-154 misjuqa minn Carmelo Pace u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici li kienet assikurata taht polza "comprehensive" mahruga mill-istess socjeta` attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura ta' l-assikurat taghha u l-vettura numru DEN-476 misjuqa mill-konvenuta Denise Schembri, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax pagabbli mid-9 ta' Novembru, 2001, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-16 ta' Settembru, 2002, li fiha ntqal illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tas-sewwieq tal-vettura IAJ-154, u cioe` Carmel Pace, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Pace u Denise Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghad-danni rezultanti minn kollizzjoni li sehhet fid-29 ta' Novembru, 2000, fi Triq Xintill, Tarxien, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAJ-154 misjuqa minn Carmelo Pace u assikurata mas-socjeta` attrici, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DEN-476 misjuqa mill-konvenuta.**
**2. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq fi Triq tal-Barrani sejjer fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa, filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq fl-istess triq gejja mid-direzzjoni ta'**

**Birzebbuga. Jirrizulta li l-attur, minhabba l-volum ta' traffiku, kien kostrett jibqa' fuq il-karreggjata ta' barra. L-attur hareg mill-"give way" biex jaqbad ir-"roundabout" ta' Santa Lucija. Il-konvenuta wkoll harget mill-"give way" biex taqbad ir-roundabout".**

**3. Jirrizulta li waqt li l-attur kien fil-karreggjata ta' barra, il-konvenuta kienet fil-karreggjata ta' gewwa.**

**4. L-attur jghid li kien qabad ir-"roundabout" u kien beda jdur, kien miexi bil-mod, u jhares fil-mera. Jghid li kif ser jitlaq ir-"roundabout" biex jaqbad Triq Kunsill ta' l-Ewropa, il-vettura ta' hdejh kienet fil-process li taqbzu. Jghid: "Kif appena ser naghmel il-manuvra biex nikser, il-vettura l-ohra kisret hi ghal go fija quddiemi." L-attur jiddikjara li induna bill-vettura tal-konvenuta biss mal-habta.**

**5. Il-konvenuta tghid li lill-attur ratu fuq il-"give way sign". Tghid: "Kien wieqaf hdejja fuq il-karreggjata ta' barra." Il-konvenuta tghid li hi kellha l-indicator mixghul filwaqt li l-attur ma kellux. Tghid ukoll li kienet qed tipprecedi bi ftit, daqs kwart ta' karrozza, lill-attur.**

**6. Id-danni tal-attur kienu fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt li tal-konvenuta kienu mill-pilastru lura fuq in-naha tal-lemin.**

**7. Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet taf ben tajjeb li kien hemm l-attur miexi hdejha. L-attur da parti tieghu ma kienx qieghed attent ghat-traffiku ta' madwaru waqt li qed jimmanuvra ir-roundabout, ghalkemm kien konxju li kien hemm traffiku. Definitivament id-deskrizzjoni li ta l-attur dwar kif sehh l-incident tirrispekkja perfettament is-sitwazzjoni, cioe li t-tnejn kisru fl-istess hin, u b'hekk sehhet il-kollizzjoni, u t-tnejn kienu jahtu f'mod indaqs ghall-kollizzjoni. Ghalhekk fic-cirkostanzi d-danni ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**8. Id-danni kollha tas-socjeta` attrici kienu jammontaw ghal mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm153.00), u ghalhekk hemm dovuta biss is-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm76.50) mill-konvenuta.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu il-partijiet f'mod indaqs, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u hamsin cxentezmu (Lm76.50), u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm76.50), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum, salv kull dritt tal-konvenuta kontra Carmelo Pace.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------